**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tat-08 ta' Lulju, 2016.

Talba Numru: 165/2016AM3

Numru fuq il-Lista: 17

**Entity Merlin International Ltd (C- 4432)**
**Merlin House,**
**Mountbatten Street,**
**Hamrun HMR1574.**

**vs**

**Mr Matthew Cilia (K.I. 347493 (M) )**
**2, Triq San Gacintu,**
**Sliema.**

**It-Tribunal**,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fil-05 ta' Mejju, 2016 illi permezz tiegħu s-Soċjeta' attriċi talbet mingħand il-konvenut il-ħlas tas-somma ta' mitejn u tmienja u hamsin ewro u erbatax-il centzmu (€258.14c) in konnessjoni ma' kera ta'

karozza tal-ghamla Ford KA li ghandha numru ta’ registrazzjoni V I K tmienja zero sitta (VIK-806) ghal erbatax-il gurnata mis-Socjeta’ attrici lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-avviż tas-Seduta, hu ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra il-konferma bil-gurament tar-rapprezentant tas-Socjeta’ attrici li l-ammont ghadu dovut.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, t-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-Socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u tmienja u hamsin ewro u erbatax-il centezmu (€258.14c).

L-ispejjeż huma a karigu tal-konvenut.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**